MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2009

Numru 1075/2006

Il-Pulizija
(Spettur Mario Bonnici)

vs

Kevin Attard

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi riportati kontra l-akkuzat ta’ karta ta’ identita numru 310676m talli nhar is-6 ta’ Ottubru 2006 ghal habta tat-8.30pm fi Triq Stiefnu Zerafa, Marsa:

a. ingurja jew hedded jew ghamel forza fuq il-persuni tal-kuntistabbli tal-Pulizija bin-numri tas-servizz 5 E.Fenech u 1459 M. Buttigieg li kienu inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jghamlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li

ibezzghahom jew li jinfluixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz (Artikolu 95 Kap 9);

b. attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuni tal-Kuntistabbli tal-Pulizija bin-numri tas-servizz 5 E.Fenech, 1459 M.Buttigieg, liema kuntistabbli kienu inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li agixxew jew kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti (Artikolu 96 Kap 9);

c. saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni LAB 473 b’manjiera traskurata u perikoluza (Artikolu 15/1/a/2 Kap 65);

d. ma obdiex l-ordnijiet legittimi mghotija lilu mill-kuntistabbli tal-Pulizija bin-numru tas-servizz 5 E.Fenech u 1459 M.Buttigieg li huma awtorita’ u kienu inkarigati minn servizz pubbliku (Artikolu 338ee);

e. kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;

f. tkellem fahxi u qal diversi kliem iehor li jammonta ghal dagha u kliem hazin;

g. irrenda ruhhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 wara li gie misjub hati u kkundannat b’sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Il-Qorti mitluba li minbarra l-piena stabbilita f’kaz ta’ htija tordna li l-akkuzat jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta’ mhux inqas minn tnax il-xahar.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

Ghad li hemm numru ta' akkuzi li l-akkuzat hu mixli bihom huma biss tnejn minnhom u per di piu' ta' natura kontravenzjonali li jirrisultaw pruvati. Dan ghaliex il-provi tal-prosekuzzjoni stess jeskludu r-reati u l-offizi kontravenzjonali l-ohra li bihom l-akkuzat u mixli. Il-provi fil-fatt juru li fl-incident li ta lok ghall-akkuzi, liema incident kien jikkonsisti filli l-akkuzat kien mar bil-van tieghu fejn id-dar tal-mastrudaxxa li kien qabbad sabiex jahdimlu xi xoghol, kien inqala argument bejnithom li fih issejhu l-Pulizija wara li kienu ircevew telefonata in konnessjoni mieghu. Jinghad mill-bidu li l-argument kien wiehed verbali u ma jirrisultax li f'ebda hin iddigenera fi vjolenza. Ghal ta' l-inqas dan imkien ma jirrisulta minn xi prova tant li l-mastrudaxxa ma giex prodott biex jixhed u lanqas hu l-akkuzat mixli b'xi forma ta' vjolenza sija fisika jew verbali diretta kontra xi terzi li m'humiex il-Pulizija li kienu accedew fuq il-post fejn sehh l-argument.

Issa, fost l-akkuzi hemm l-ingurja u theddid u l-attakk u resistenza fuq zewg membri tal-Pulizija, senjatament PC 5 u PC 1459, 'officio durante vel contemplatione offici. Fix-xhieda taghhom quddiem dina l-Qorti pero' ma jirrisultax, anzi hu eskluz, kwalsijasi forma ta' reita' fl-akkuzat taht l-Artikoli relattivi, cioe l-Artikolu 95 u 96 tal-Kap 9, komponenti l-ewwel zewg akkuzi. Di fatti mix-xhieda stess taz-zewg kuntestabbli huma eskludew li l-akkuzat saq fuqhom jew ukoll li gie ikkrejat perikolu ghalihom. Izda mhux biss ghaliex skont huma lanqas kien hemm da parti tal-akkuzat sewqan censurabbli. Li jirrisulta invece huwa li l-akkuzat naqas li jghati l-partikularitajiet tieghu lill-Pulizija u li dagha fil-pubbliku. Ghal dawn, li jirreferu ghar-raba u s-sitt akkuza u li huma ta' indoli kontravenzjonali, l-akkuzat ser jinstab hati.

Illi stante dak li appena nghad r-recidiva taht l-Artikolu50 mhix applikabbli u lanqas m'hemm reita' fil-konfront tat-tielet u l-hames akkuza.

Ghaldaqstant, issib l-akkuzat hati tar-raba u s-sitt akkuza. Wara li rat l-Artikolu 338(ee), 338(bb) u 17(c) tal-Kap 9 tikkundannah ghall-ammenda komplessiva ta’ hamsin euro fil-waqt li tilliberah mill-bqija tal-akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------